- ***INTERPRETAZZJONI TA' SKRITTURI IN BONA FEDE –***
- ***SKRITTURA AD VALIDITATEM –***
- ***ART.1232 (1) U 1333 TAL-KAP 16 -***
- ***ATTI NORMALI TA' GESTJONI TA' NEGOZJU –***
- ***KOMUNJONI TAL-AKKWISTI –***
- ***ART. 1324 KAP 16 –***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 1**
**Citazzjoni Numru: 663/98/RCP**

**Vernon's Food Manufacturing and Trading Limited**

**vs**

**Unifoods Limited u Jesmond Decelis**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti huma debituri tad-ditta attrici fis-somma ta' elf, erba' mija u ghoxrin Iira Maltija u hamsa u tletin centezmu (LM1,420.35) u dan bhala bilanc ta' dak li jirrizulta minn skrittura datata 27 ta' Novembru 1997 (Dok "A") u wara bejgh u konsenja ta' prodotti;

Illi dan id-debitu huwa veru cert u likwidu u l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x' jaghtu ghal hlas tieghu kif jirrizulta minn affidavit annessa bhala Dok "B";

Illi l-konvenuti hallas dan id-debitu b' zewg *cheques* li pero' ma gewx onorati (Dok "C");

Illi l-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

(1). Prevja id-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-Art. 167 u artikoli sussegwenti tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja tordna u tikkundanna IiIl-konvenuti ihallsu lid-ditta attrici s-somma ta' elf erba' mija u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (LM1,420.35).

Bl-ispejjez u bl-interessi tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-27 ta' Novembru 1997. Il-konvenuti huma minn issa ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 7 tal-process;

Rat il-verbal tat-18 ta' Mejju,1998;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol.16 tal-process fejn eccepew:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-iskrittura li fuqha hija bbazata t-talba tal-attrici hija nulla stante illi l-ftehim jistipula li l-klijent huwa "Unifoods" u mhux "Unifoods Ltd" u *di piu`* ma hiex iffirmata minn rapprezentant tad-ditta attrici;

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost minkejja li fuq l-istess skrittura hemm il-firma u l-kunsens tal-konvenut li personalment qieghed jaghmel tajjeb u tali firma u kunsens huma nulli bla effett stante li ma hemmx il-firma tal-mara tal-konvenut u ghalhekk din it-talba ma tistax tigi indirizzata jew enforzata kontra l-komunjoni tal-akkwisti;

(3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-gudizzju mhuwiex integru minhabba l-fatt li mart il-konvenut Jesmond Decelis mhix parti fil-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol.17 *et seq.* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduti tas-26 ta' Gunju,1998; tal-14 ta' Dicembru,1998; tal-14 ta' Mejju,1999; tal-25 ta' Frar,2000; tat-12 ta' Mejju, 2000; tat-13 ta' Ottubru,2000; tat-22 ta' Novembru,2000 fejn Dr.Ray Zammit ghas-socjeta' attrici ddikjara li hlief ghall-affidavits ma kellux provi; tat-8 ta' Frar 2001 fejn inghata digriet tal-affidavits ghall-konvenuti.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha esebit affidavit ta' David Azzopardi flimkien ma' diversi dokumenti.

Rat il-verbali tas-seduta tat-28 ta' Marzu, 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti bl-intiza cara li wara dakinhar il-kawza tibqa' differita ghas-sentenza u estendiet ghall-ahhar darba l-prezentata tal-affidavit da parte tal-istess konvenuti bi tletin (30) jum minn dakinhar; u tas-27 ta' Gunju,2001 fejn is-socjeta' konvenuta u Dr.Martin Fenech imsejha tlett darbiet ma deherx. Il-Qorti ddikjarat l-provi tas-socjeta' konvenuta u tal-konvenut maghluqa anke ghaliex ma ressqu ebda provi fl-istess seduta u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Ottubru,2001;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi s-socjeta' attrici ressqet din il-kawza sabiex tirkupra minghand is-socjeta' konvenuta l-ammont imsemmi fl-istess citazzjoni bhala bilanc ta' dak li jirrizulta minn skrittura (Dok.A) wara bejgh u konsenja ta' prodotti, li taghha l-konvenut kien personalment garanti.

Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet in-nullita' tal-iskrittura li fuqha hija bbazata t-talba attrici; kif ukoll in-nullita' tal-firma u l-kunsens tal-konvenut li ghamel tajjeb personalment peress li m'hemmx il-firma ta' martu fuq din l-iskrittura; u fl-ahharnett li l-gudizzju mhux integru stante li mart il-konvenut mhiex parti fil-kawza.

Illi jinghad li ghalkemm il-Qorti tat opportunita' lis-socjeta' konvenuta u lill-konvenut biex iressqu l-provi taghhom dawn baqghu ma ressqu ebda prova. Madankollu l-eccezzjonijiet imressqa se jigu kkunsidrati minn din il-Qorti dejjem abbazi tal-provi prodotti.

Illi fl-affidavit tieghu **David Azzopardi** rappresentant tas-socjeta' attrici spjega illi l-konvenut Decelis iffirma kuntratt li fih intrabat li jiggarantixxi pagamenti sa l-ammont ta' Lm2,000 fis-27 ta' Novembru,1997 (Dok.A a fol.5 tal-pocess). Huwa qal illi fid-19 ta' Jannar,1998 wassal lill-klijent prodotti ghall-valur ta' Lm972.50. L-istess konsenja giet imwassla minn certu Twanny Formosa, fuq bazi *cashsale,* u mhallsa *b'cheque* tal-BOV, liema *cheque* gie

ddepositat fil-bank fit-23 ta' Frar 1998, u rritornat lura lis-socjeta' attrici mill-bank imsemmi fl-14 ta' Marzu 1998 skond kif jirrizulta minn Dok."C" a fol.38 tal-process.

Illi inoltre' fis-26 ta' Frar, 1998 il-konvenut personalment gabar konsenja ammontanti ghal Lm447.85 u hallas b'*cheque* tal-BOV liema *cheque* gie ddepositat il-bank fit-8 ta' Marzu, 1998 u rritornat lura lilhom mill-bank fl-10 ta' Marzu,1998 kif jirrizulta minn Dok."E" a fol.40 tal-process.

Illi wara dan kollu s-socjeta' attrici rceviet ittra minghand Unifoods Limited datata 1 ta' Marzu,1998 u li waslet ghandhom fit-18 ta' Marzu,1998 (Dok."F" a fol 41 tal-process). F'din l-ittra gew infurmati li Unifoods Limited ma baqghetx topera b'effett mill-1 ta' Marzu,1998. B'konsegwenza ta' dan kollu huma rriferew *c-cheques* lit-Taqsima tal-Pulizija kontra l-Frodi u pprocedew b'azzjoni legali kontra l-konvenut Decelis personalment kif ukoll kontra l-istess bhala rappresentant tas-socjeta' Unifoods Limited.

## A. L-EWWEL ECCEZZJONI

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti taqra hekk:-

*"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-iskrittura li fuqha hija bbazata t-talba tal-attrici hija nulla stante illi l-ftehim jistipula li l-klijent huwa Unifoods u mhux*

*Unifoods Ltd u di piu` ma hiex iffirmata minn rappresentant tad-ditta attrici"*

Illi fl-ewwel lok jinghad li ghal dak li jirrigwarda n-nullita' din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza **"Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava u Kemimport Limited"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 1998 - Cit.Nru : 831/97/RCP) rreferiet ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Charles Fino vs Alfred Fabbri noe"** tat-28 ta' Frar 1997 fejn gie ribadiet li ***"il-formalizmu ezagerat ukoll ilu hafna li gie mnaqqas u limitat li bir-ragun, il-ligi qed tkun aktar u aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh"*** **(***vide* ***"Sav.Falzon vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar" –*** Appell- 31 ta' Mejju 1996***).***

Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet in-nullita' minhabba li fuq l-iskrittura mertu tal-kawza odjerna giet imnizzla "Unifoods" u mhux "Unifoods Ltd.". Jinghad pero' illi ghalkemm dan huwa minnu ghax hekk jirrizulta minn Dok. "A" a fol.5 tal-process imma fid-dokumenti l-ohra esebiti (*ic-cheques* a fol.38 u 40 tal-process; kif ukoll f'Dok."B" u "D" li huma *cash sale* a fol.37 u 39 tal-process fejn l-istess Unifoods Ltd gabret xi konsenja) hemm imnizzel "Unifoods Ltd" u kwindi hija facilment rikonoxxibbli bhala l-istess kumpanija u zgur li tali nuqqas fl-istess skrittura ma jwassalx ghan-nullita' tal-istess, stante li ma hemm l-ebda dubju li r-relazzjoni hemm mahluqa kienet bejn l-istess socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta.

Illi tali dokumenti jindikaw car li r-relazzjoni tas-socjeta' attrici kienet mas-socjeta' konvenuta, u tali pagamenti maghmula mill-istess socjeta' konvenuta permezz ta' *cheques*, ghall-konsenji maghmula lill-istess socjeta' ma jhallu l-ebda dubju li l-istess merkanzija hemm indikati fl-istess *cash sales* giet effettivament konsenjata lill-istess socjeta' u ghalhekk ir-relazzjoni guridika ezistenti ghall-bejgh u konsenja tal-istess merkanzija saret esklussivament bejn l-istess socjeta' attrici u s-socjeta' "Unifoods Limited".

Illi l-fatt li l-isem shih tas-socjeta' konvenuta ma giex indikat kollu fuq l-istess skrittura ma jimportax in-nullita' tal-istess skrittura, stante li tali isem johrog car mill-istess indikati dokumenti li jikkonfermaw l-ezistenza u l-esekuzzjoni ta' tali ftehim bejn l-istess zewg socjetajiet, partijiet fil-kawza odjerna, u ghalhekk tali provi prodotti jissuplimentaw il-kontenut tal-istess skrittura, li ma hi xejn izjed milli testimonjanza tal-ftehim attwalment milhuq bejn l-istess zewg socjetajiet u l-konvenut personalment bhala garanti tal-hlas naxxenti mill-istess negozju.

Illi dan kollu huwa inkonformita' mal-principju li provi dwar skritturi huma ammessi meta hemm bzonn ta' kjarifika tal-intenzjoni tal-partijiet u din l-interprettazzjoni hija ibbazata fuq il-principju iehor daqstant bazilari li l-pattijiet bejn il-partijiet ghandhom jigu interpretati in *bona fede* u hekk ukoll esegwiti.

Illi f'dan il-kuntest huwa rilevanti li wiehed jikkonsidra li bl-ittra tal-1 ta' Marzu 1998 s-socjeta' konvenuta irrikonoxxiet tali debitu taghha verso is-socjeta' attrici fejn informata li ma setghatx tkompli bl-operazzjoni taghha mas-socjeta' attrici u li ma setghatx tkompli bil-pagamenti taghha, u dan b'riferenza unika ghall-kreditu tas-socjeta' kontra taghha u il-fatt li c-cekkijiet minnha mahruga favur is-socjeta' attrici ma gewx onorati mill-bank.

Inoltre' eccepew in-nullita' wkoll minhabba li l-istess skrittura ma gietx iffirmata minn rapprezentant tad-ditta attrici. In effetti fl-iskrittura datata 27 ta' Novembru 1997 l-uniku firma li tezisti hija dik tal-konvenut Jesmond Decelis bhala r-rapprezentant awtorizzat tal-kumpanija Unifoods Ltd.

Illi hawnhekk ghandha ssir referenza ghall-**artikolu 1232(1) tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid:-

*"Meta mhux mehtieg mill-ligi li l-obbligazzjoni jew it-tmiem taghha jidhru minn att pubbliku jew minn kitba privata, il-prova ta' l-obbligazzjoni jew tat-tmiem taghha tista' ssir b'xhieda jew f'mezzi ohra maghrufin mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."*

Illi l-**artikolu 1233 tal-Kodici Civili** jispecifika l-atti li ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata taht piena ta' nullita' u l-kaz odjern certament ma jinkwadrax taht l-

ebda minnhom. Kwindi l-iskrittura li qed tigi kontestata ma kienitx rikjesta *ad validitatem* u ghalhekk hija biss prova tal-ftehim li sar bejn il-partijiet u konsegwentement *se mai* n-nuqqas ta' firma tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici ma twassalx ghan-nullita' tal-iskrittura mertu tal-kawza odjerna u lanqas ghall-inezistenza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn l-istess socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta, stante li jidher li l-bejgh u l-konsenji saru mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta *ai termini* u in forza tal-istess skrittura privata, tant li s-socjeta' konvenuta rrikonoxxiet tali relazzjoni kemm permezz tal-hrug ta' *cheques* biex isir l-istess pagament (ghalkemm dawn ma issarfux) u kemm permezz tal-*cash sales* maghmula fuqha u accettati minnha, u fl-ahharnett permezz tal-ittra datata l-1 ta' Marzu 1998.

Illi ghalhekk tali ftehim jirrizulta li gie onorat min-naha tas-socjeta' attrici li bieghet prodotti lis-socjeta' konvenuta (Dok.B u Dok.D) li min-naha taghha hadet in konsenja l-istess prodotti u harget cekkijiet li ma gewx onorati. B'hekk is-socjeta' konvenuta ghamlet uzu minn tali facilita' b'konsegwenza tal-istess ftehim filwaqt li s-socjeta' attrici ezegwiet l-istess ftehim.

Illi kwantu ghar-rappresentanza tas-socjeta' konvenuta jidher car mill-provi prodotti li l-istess Jesmond Decilis iffirma l-istess skrittura bhala rappresentant awtorizzat tal-istess socjeta' konvenuta, u mid-dokumenti esebiti jidher li huwa dejjem agixxa bhala rappresentant tal-istess tant li l-

istess cekkijiet jidhru li gew iffirmati minnu ghan-nom tal-istess socjeta' "Unifoods Limited" u l-ittra tal-1 ta' Marzu 1998 giet iffirmata ukoll mill-istess Jesmond Decelis fuq *letterhead* tas-socjeta' konvenuta. Illi ghalhekk jidher li effettivament l-istess Jesmond Decelis kellu r-rappresentanza tal-istess socjeta' konvenuta, u dejjem presenta ruhu bhala tali, u fi kwalunkwe kaz ma ingabet l-ebda prova mill-konvenuti li l-istess rappresentanza tas-socjeta' konvenuta ma kienitx vestita fil-persuna tal-istess Jesmond Decelis.

Illi kwantu ghar-rappresentanza tas-socjeta' attrici ma ingabu ebda provi dwar l-allegazzjoni maghmula dwar ir-rappresentanza tal-istess, anke jekk jidher li s-socjeta' attrici agixxiet dejjem fil-kompetenza taghha, u mill-atti processwali ma hemm xejn x'jimmilita kontra dan, u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

## B. IT-TIENI ECCEZZJONI.

Illi l-konvenuti eccepew ukoll *"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost minkejja li fuq l-istess skrittura hemm il-firma u l-kunsens tal-konvenut li personalment qieghed jaghmel tajjeb u tali firma u kunsens huma nulli u bla effett stante li ma hemmx il-firma tal-mara tal-konvenut u ghalhekk dina t-talba ma tistax tigi ndirizzata jew enforzata kontra l-komunjoni tal-akkwisti."*

Illi f'dan ir-rigward jinghad li skond l-**artikolu 1324 tal-Kodici Civili tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta**:-

*"Atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja."*

Illi fil-kaz odjern Jesmond Decelis deher fuq l-iskrittura a fol.5 tal-process bhala rapprezentant tas-socjeta' konvenuta u fil-veste personali bhala garanti ghall-istess. M'hemm l-ebda dubju li l-konvenut kien qieghed jagixxi hekk fil-kors tal-gestjoni tan-negozju u peress li dan jaghmel parti mill-amministrazzjoni ta' kuljum ghat-tmexxija ta' negozju ma hemmx dubju li l-**artikolu 1324** huwa applikabbli ghall-kaz *de quo*.

Illi ghalhekk anke din l-eccezzjoni ghandha u qed tigi michuda.

## C. IT-TIELET ECCEZZJONI.

Illi fl-ahharnett il-konvenuti eccepew illi l-gudizzju mhux integru minhabba l-fatt li mart il-konvenut Jesmond Decelis mhiex parti fil-kawza.

Illi in vista li t-tieni eccezzjoni giet michuda anki din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa'.

**D. T-TALBA ATTRICI.**

Illi ghalhekk peress li rrizulta li l-konvenuti m'onorawx l-obbligazzjoni taghhom versu s-socjeta' attrici li min-naha taghha forniet il-prodotti rikjesti; u dan kif irrizulta ampjament mill-*cash sales* (Dok."B" u Dok."D" a fol. 37 u 39 tal-process) u mic-cekkijiet mahruga mis-socjeta' konvenuta li ma gewx onorati, t-talba attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti ghandha tigi milqugha.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' elf, erba' mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm1,420.35) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm1,420.35) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' bejgh u konsenja ta' oggetti u prodotti lis-socjeta'

konvenuta, l-hlas ta' liema gie garantit mill-konvenut fil-kwalita' personali tieghu

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-interessi tat-tmienja fil-mija (8%) mis-27 ta' Novembru 1997 sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Ottubru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Ottubru, 2001.**